# FIL- PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR.C. FARRUGIA SACCO. B.A. LL.D**

**Seduta tal-4 ta' Gunju 2002**

**Citazz. Nru: 2834/96CFS**

**Middle Sea Insurance Company Limited**
**vs**
**Lee Glass u l-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti,

**CITAZZJONI**

Rat ic-citazzjoni attrici li biha s-socjeta’ attrici ppremettiet:

Illi fit-3 ta' April, 1994, waqt li l-konvenut Lee Glass kien qed isuq il-vettura numru G-4927 f' Abate Rigord Street, Ta' Xbiex hu kien ikkaguna incident tat-traffiku li fih kien hemm involuti s-segwenti erba' karozzi u cioe' N-9113, U-3022, X-2452 u G-4927;

Illi in segwitu ghal dan l-incident, il-konvenut Lee Glass kien ghamel "claim" mas-socjeta' attrici, u l-istess socjeta' attrici, wara li stabbiliet illi l-konvenut Lee Glass kien unikament responsabbli ghal dan l-incident, kienet hallset id-danni tat-terzi, liema hsarat ammontaw ghas-somma ta' Lm2,887.35 (elfejn tmien mija u sebgha u tmenin lira Maltija u hamsa u tletin centezimu);

Illi dan il-hlas da parti tas-socjeta' attrici sar wara li gie rilaxxat ir-Road Accident Report tal-4 ta' Gunju, 1994 mill-konvenut l-iehor Kummissarju tal-Pulizija, fejn gie dikjarat li l-imsemmi Lee Glass kellu licenzja tas-sewqan;

Illi rrizulta sussegwentement illi l-konvenut Lee Glass ma kellux fil-fatt licenzja tas-sewqan fid-data ta' l-incident, u illi hu qatt ma kellu licenzja tas-sewqan sal-10 ta' Gunju, 1994, u dana skond ittra ffirmata mill-Ispettur M Bayliss tat-18 ta' Settembru, 1995;

Illi s-socjeta' attrici soffriet danni konsistenti fl-imsemmija somma ta' Lm2,887.35 peress illi fid-data ta' l-incident il-konvenut Lee Glass ma kienx kopert b' polza ta' assikurazzjoni stante illi ma kellux licenzja tas-sewqan;

Illi l-konvenut l-iehor Kummissarju tal-Pulizija naqas milli tal-informazzjoni korretta lis-socjeta' attrici;

Illi ghalkemm interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mis-socjeta attrici, iz-zewg konvenuti baqghu inadempjenti minghajr raguni valida skond il-ligi;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet li ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija din il-Qorti

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' attrici sofriet danni konsistenti fil-hlas tal-hsarat ikkagunati fil-vetturi ta' terzi persuni wara l-incident tat-3 ta' April, 1994;

2) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti jew min minnhom kienu responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici;

3) Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm2,887.35 jew somma ohra verjuri prevja okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

4) Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu dawn id-danni hekk likwidati lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-6 ta' Ottubru, 1995 u tat-30 ta' April, 1996 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u elenku tax-xhieda tas-socjeta’ attrici.

**ECCEZZJONIJIET**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija li eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent mhux legittimu kontradittur f' din il-kawza stante li qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjeta attrici la *ex contractu* u lanqas *ex deliciti* jew *quasi deliciti*.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi ir-*Road Accident Report* li hemm riferenza ghalih fic-citazzjoni kien jirrispekkja biss id-dikjarazzjoni li ghamlu a *tempo vergine* is-sewwieqa involuti fl-incident. Illi kien jispetta lis-socjeta attrici li taghmel l-indagini taghha akkuratament u titlob l-informazzjoni mehtiega mill-eccipjent. Fil-fatt meta s-socjeta attrici talbet informazzjoni ulterjuri gie konfermat lilha minn subordinat ta' l-eccipjent li kienu ser jittiehdu passi kriminali kontra l-konvenut l-iehor li rrizulta li ma kellux licenza tas-sewqan fid-data ta' meta sehh l-incident.

3. Illi jekk gew kawzati xi danni lis-socjeta attrici dan kien dovut kemm ghall-agir tal-konvenut Lee Glass u kif ukoll minhabba traskuragni ta' l-impjegati ta' l-istess socjeta' li m' ghamlux l-indagini qabel ma ghamlu l-pagamenti reklamati.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u elenku tax-xhieda tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

**PROVI**

Ikkunsidrat

Illi meta xehed John Bonnici li jahdem mad-ditta Bonnici Insurance Agency Limited li tirrapprezenta lil Middlea Sea Insurance Company Limited semma li kien hemm zmien meta l-konvenut Lee Glass kien assigurat maghhom. Kien gara fit-3 ta’ Gunju 1994 u Lee Glass kien ghamel claim fl-10 ta’ Gunju 1994 u in segwitu baghatu ghar-rapport tal-pulizija mill-Ghassa tal-Msida u rcevew r-rapport, u hallsu lil terzi. Ir-rapport tal-pulizija jghid car li Glass kellu licenzja tas-sewqan u jghidlek ‘6. drivers u whether licensed for the current year jghidlek yes’. Hallsu minhabba l-fatt li Glass kien kopert u dan wara li raw r-rapport tal-pulizija. Wara rrizulta li fil-fatt il-licenzja gabha fl-10 ta' Gunju jigifieri dik il-gurnata stess li kien ghamel il-claim u ghalhekk fil-mument ta’ meta sar l-incident hu licenzja ma kellux. L-assigurazzjoni tghid li bniedem irid ikollu licenzja. Meta ndunaw li Lee Glass ma kellux licenzja kienu gja hallsu.

Is-Supretendent Martin Bayliss esebixxa l-okkorrenza tal-incident u xehed li kif jidher mill-istess okkorrenza Lee Glass kien ikkonferma li fid-data tal-incident u cioe` fit-3 ta’ Gunju fil-fatt hu kellu “driving license.” Is-Surgent nizzel dan fuq l-okkorrenza u anke hemm il-firma tas-Surgent fuq l-istess okkorrenza.

Jose` Abela skrivan fil-Licensing Office xehed li kien fit-10/06/94 l-ewwel darba li harget licenzja lil Lee Glass, ghal Group B u cioe` karozzi normali. Qabel dik id-data ma kellux licenzja tas-sewqan.

Is-Surgent John Mallia xehed li r-road accident li jinsab a fol 45 sa 49 tal-process kien Road Accident Report li kien investiga hu stess. Dwar dak li hemm imnizzel a fol 47 u preciz taht is-sub paragrafu 6 hemm imnizzel "Yes" u dan b' riferenza ghad-driver l-ewwel wiehed ghax hemm it-tliet linji u ghalhekk il-"Yes" tirreferixxi ghall-ewwel wiehed. Dwar Lee Glass kien gablu licenzja xi zmien wara. Zied li l-licenzja ma rahiex personalment izda sab notament fl-ghassa li fil-fatt kien gie biha.

Is-socjeta' attrici esibiet kopja ta' polza u ghamlet referenza ghal Part II tax-Schedule li titkellem fuq authorised driver u issemmi "that the person driving holds a licence to drive the motor vehicle…"

**KONKLUZJONIJIET**

***Responsabbilta' tal-kollizzjoni:*** Ma hemmx dubbju li l-persuna responsabbli ghad-danni kienet Lee Glass il-konvenut. Izda hu ghamel Claim u l-Assikurazzjoni hallset. Irrizulta li Glass mhux suppost li ghamel din il-Claim ghax ma kellux licenzja tas-sewqan kif irrizulta mill-provi u ghalhekk fil-fatt ma kienx kopert bl-assikurazzjoni. L-assikurazzjoni ghamlet il-hlas [li wara kollox ma kienx dovut u t-terzi persuni gew imhallsa mill-assikurazzjoni indebitament] wara li Glass ghamel talba [claim] li mhux suppost ghamel, u wara li l-assikurazzjoni imxiet fuq ir-rapport hazin [okkorrenza] tal-Kummissarju tal-Pulizija. Hija ovvja li l-Kummissarju huwa responsabbli ghal dokument mahrug

mill-Korp anke jekk preparat minn wiehed mill-impjegati tieghu. Minn dak li hemm miktub fil-para 6 tar-rapport [ara fol 47 u 58 u dawn ma humiex fotokopji tal-istess dokument] jirrizulta li s-sewwieqa [li f'dan il-kaz kien wiehed biss ] kienu licenzjati. Kien minhabba f'hekk li l-assikurazzjoni ghamlet il-hlas u cioe' it-talba li mhux suppost saret ta' Lee Glass, u d-dikjarazzjoni zbaljata tal-konvenut l-iehor.

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ***Kummissarju tal-Pulizija hi li mhux legittimu kontradittur*** f' din il-kawza stante li qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjeta attrici la *ex contractu* u lanqas *ex deliciti* jew *quasi deliciti*. Izda fil-fatt jidher car mill-provi li saru li s-socjeta' attrici ghamlet il-hlas wara u bhala rizultat tar-rapport zblajat tal-Pulizija. Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni.

Il-Kummissarju tal-Pulizija subordinatament eccepixxa li t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi r-*Road Accident Report* li hemm riferenza ghalih fic-citazzjoni kien jirrispekkja ***biss id-dikjarazzjoni li ghamlu a tempo vergine mis-sewwieqa involuti fl-incident.*** Illi kien jispetta lis-socjeta` attrici li taghmel l-indagini taghha akkuratament u titlob l-informazzjoni mehtiega mill-eccipjent. Illi pero` dan ma hux minnu ghax imkien ma hemm dan it-tip ta' lokuzzjoni fir-rapport tal-Pulizija. L-iskop tar-rapport mhux li wiehed isir jaf x'qalu s-sewwieqa a tempo vergine izda fatti reali u solidi fuq xiex jittiehdu d-decizzjonijiet dwar responsabbilta'. Fir-rapport hemm li d-drivers kienu licenzjati u ma hemm ebda kwalifika ohra w ghalhekk il-Qorti tichad din l-eccezzjoni.

Dwar it-tielet eccezzjoni tal-Kummissarju li jekk gew kawzati xi danni lis-socjeta attrici dan kien dovut kemm ghall-agir tal-konvenut Lee Glass u kif ukoll minhabba ***traskuragni ta' l-impjegati ta' l-istess socjeta' li m' ghamlux l-indagini qabel ma ghamlu l-pagamenti reklamati*** jidher car li ghalkemm l-ewwel responsabbilta' hi manifestament ta' Lee Glass, kuntrarjament ghal dak sottomess fin-nota tal-eccezzjonijiet, l-impjegati tant ghamlu indagini li fil-fatt akkwistaw ir-rapport u qaghdu fuqu kif kien legittimu li jaghmlu. Ghal dawn il-motivi tichad din l-eccezzjoni wkoll.

Il-konvenut l-iehor Lee Glass qatt ma pprezenta ebda nota tal-eccezzjonijiet. Naturalment kontumacja hija oppozizzjoni izda hawn ghandna kaz fejn jirrizulta car li l-konvenut Glass ma kellux id-dritt li jaghmel claim minhabba li ma kellux licenzja tas-sewqan u li minhabba dan il-claim is-socjeta' attrici batiet danni.

Ikkunsidrat illi ghalhekk tiddikjara li s-socjeta` attrici sofriet danni konsistenti fil-hlas ghal hsarat ikkagunati fil-vetturi ta' terzi persuni wara l-incident tat-3 ta' April, 1994.

Ukoll tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' LM2887.35 u dan wara li semghet lix-xhieda.

Tiddikjara lill-konvenut Lee Glass responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici, u solidalment responsabbli l-Kummissarju tal-Pulizija wara li jkunu ttiehdu l-passi kontra Lee Glass inutilment. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni msemmija fil-paragrafu

precedenti lis-socjeta' attrici, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti.